**QORTI TAL-APPELL**
**(SEDE INFERJURI)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum l-Erbgha, 14 ta' April, 2021**

Numru 1

**Rikors Nru. 24/2017**

**Untours Insurance Agents Limited u din ghall-Qatar Insurance Agency Company Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' Richard Abela u l-istess Richard Abela**

**Vs**

**Kunsill Lokali Qormi, Kunsill Lokali Marsa, Awtorita ghat-Transport f'Malta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni maghmul mill-Kunsill Lokali Marsa wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tas-7 ta' Ottubru 2020 fl-istess ismijiet fejn ikkonfermat il-lodo tat-Tribunal tal-Arbitragg fi hdan ic-Centru tal-Arbitragg bl-ispejjez kollha ghar-ritrattand;

Rat ir-risposta tal-Kunsill Lokali Qormi li sostna li ma kienx hemm raguni valida ghar-ritrattazzjoni u r-rikors ta' ritrattazzjoni kellu jigi michud;

Rat ir-risposta tat-Transport Malta li sostniet li ma kienx hemm raguni valida ghar-ritrattazzjoni u r-rikors ta' ritrattazzjoni kellu jigi michud;

Rat ir-risposta ta' Untours Insurance Agents Limited li sostniet li ma kienx hemm raguni valida ghar-ritrattazzjoni u r-rikors ta' ritrattazzjoni kellu jigi michud;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell li fuqha huma impernjati l-ilmenti tar-ritrattand li tghid hekk:

Din il-Qorti sejra tghaddi sabiex fl-ewwel lok, tikkonsidra l-aggravji imressqa mill-Kunsill appellant, ir-risposta moghtija mill-appellati, u dan dejjem fil-kuntest tal-konsiderazzjonijiet li saru mit-Tribunal fid-decizjoni appellata moghtija minnu.

L-ewwel aggravju: L-Arbitru kien legalment zbaljat meta kkonkluda li l-Kunsill appellant ghandu xi forma ta' responsabbilità ghall-incident mertu ta' dawn il-proceduri, ghaliex tappieri u spralli ma jaqghux taht ir-responsabbilità tal-Kunsilli Lokali

Il-Qorti tqis li f'dan il-kaz la hemm kontestazzjoni dwar id-dinamika ta' kif sehh l-incident, u lanqas dwar id-danni sofferti. Jirrizulta li l-incident inkwistjoni sehh meta l-appellat Richard Abela kien qieghed isuq il-vettura tieghu fl-inhawi maghrufa bhala 'Ta' Istanbul', fil-parti tat-triq li tinsab quddiem il-fabbrika tal-Edible Oil li twassal ghal Triq Dicembru Tlettax, meta baqa' ghaddej minn fuq sprall jew tappiera miftuha, u sofra hsarat konsiderevoli fil-vettura tieghu. Minn dak li xehed l-appellat jirrizulta wkoll li dan ma setax jevita li jghaddi minn fuq dan l-isprall, ghaliex sabiex jaghmel hekk kien ikollu jinvadi l-karreggjata opposta. Il-Kunsill appellant, permezz ta' dan l-ewwel aggravju tieghu, qieghed jinsisti li l-ispralli ma jaqghux taht ir-responsabbiltà tal-Kunsilli Lokali, u li Kunsill Lokali ma jistax jaqbad u jmur jaghmel xoghol ta' tiswija jew manutenzjoni fi proprjetà ta' haddiehor. Il-Kunsill appellant jghid li ladarba t-Tribunal stess ikkonkluda li l-isprall jew it-tappiera inkwistjoni mhumiex proprjetà tal-Kunsill Lokali, dan ma setax jitfa' r-responsabbilità fuq il-Kunsill Lokali sabiex jaghmel ix-xoghlijiet riparatorji mehtiega. Il-Kunsill appellant qieghed jinsisti li mhuwiex legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri. Il-Qorti hawnhekk taghmel riferiment ghal dak stabbilit mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili bid-decizjoni tat-3 ta' Ottubru, 2008, fl-ismijiet Av. Michael Psaila noe vs. Joseph Pace, fejn inkiteb hekk:
"Min jeccepixxi li hu mhux legittimu kontradittur jehtieg li jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi ghat-talba proposta bl-istanza ghaliex hu ma kienx dahal fl-ebda rapport mar-rikorrent jew li m'ghadx ghandu tali rapport."

Ir-risposta ghal dan tinsab f'dak li jipprovdi r-Regolament 3 tal-Avviz Legali 29 tal-2010, li kien in vigore fiz-zmien meta sehh l-incident inkwistjoni, u li ghalhekk japplika ghall-kaz odjern. Dawn ir-Regolament jistipula sa fejn ghandha tingarr responsabbilità mill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta fir-rigward tat-toroq, u fejn tibda u tispicca r-responsabbilità tal-Kunsilli Lokali. Dan ir-Regolament jipprovdi illi:

"... l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta ghandha tipprovdi ... ghall-kostruzzjoni mill-gdid, twessigh, tigdid, manteniment, titjib, immaniggjar, manutenzjoni, u klassifikazzjoni ta' toroq: izda fejn triq la tkun arterjali u lanqas triq distributorja il-manteniment, it-titjib, u l-manutenzjoni taghha ghandu jipprovdi ghalihom il-Kunsill Lokali adatt skont l-Artikolu 33 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali."

A tenur tar-Regolament 2, manutenzjoni ta' rutina ta' triq tinkludi:
"... azzjonijiet li jittiehdu fuq bazi regolari biex triq, triq abitata jew pont jinzammu fi stat sigur u tajjeb ghall-uzu, azzjonijiet li jittiehdu biex fejn possibbli triq ma tithalliex tiddeterjora u azzjonijiet li jittiehdu biex il-wicc ta' triq u l-gnub taghha jingiebu lura fi stat tajjeb, li tinkludi, izda mhijiex limitata ghall-mili ta' hofor, l-gheluq u l-mili ta' xquq, it-tindif ta' toroq abitati, katusi u kanali ghall-ilma, l-istallar ta' sinjali u sinjalegg tat-traffiku, tibdil ta' sinjali u marki fit-toroq li jkunu thassru, kontroll ta' hxejjex u vegetazzjoni fil-gnub tat-triq; tindif tal-gnub tat-triq, tiswija ta' bankini."

Tqis illi ghalhekk r-responsabbilità legali tal-Kunsilli Lokali tinkludi t-tehid ta' azzjonijiet xierqa u f'waqthom sabiex jassiguraw li t-toroq li jaqghu fil-konfini tal-lokal taghhom jinzammu dejjem fi stat sigur u tajjeb ghall-uzu, u r-Regolament jinkludi lista ta' azzjonijiet li mhijiex ezawrjenti, li ghandhom jittiehdu mill-Kunsilli Lokali sabiex jaqdu din ir-responsabbilità taghhom.

Din il-Qorti tqis li sabiex il-Kunsilli Lokali jaqdu din il-funzjoni taghhom, dawn ghandhom jaghmlu dak kollu possibbli sabiex jinfurmaw lill-entitajiet koncernati biex ipoggu sinjali, sinjaletika, katusi, spralli jew tappieri fit-triq, li l-proprjetà taghhom qieghda tohloq periklu ghas-sigurtà tas-sewwieqa jew ta' min ikun ghaddej mit-triq, u jhegguhom jaghmlu x-xoghol riparatorju mehtieg sabiex dak il-periklu jitnehha. Id-decizjoni appellata trid tinqara fl-ispirtu tal-ligi li tirregola l-proceduri arbitrali f'pajjizna, fejn ghandha tirbah l-ekwità fuq kull konsiderazzjoni ohra. Il-Qorti hawnhekk thossha fid-dmir li ghandha tirrileva li l-incident inkwistjoni sehh disa' snin ilu, bir-rikorrenti appellati li ilhom jistennew rimedju tul dan iz-zmien kollu. Kif gie rimarkat tajjeb waqt it-trattazzjoni li saret mill-abbli difensuri tal-partijiet, mhux gust u lanqas hu ekwu li wara snin ta' proceduri, l-entitajiet governattivi kif rapprezentati f'din il-kawza jibqghu f'battibekk bejniethom dwar min ghandu jerfa' r-responsabbilità ghad-dannu kkagunat lil individwu privat, proprju minhabba li min kellu l-obbligu jassigura li t-triq inkwistjoni tkun mizmuma fi stat tajjeb, naqas milli jaghmel dan. Anki jekk l-isprall jew it-tappiera inkwistjoni ma kinux proprjetà tal-Kunsill Lokali appellant, xorta wahda ladarba gie stabbilit li din it-triq taqa' fil-konfini tar-responsabbilitajiet tieghu, il-Kunsill Lokali appellant kellu l-obbligu jinterpella lill-awtoritajiet relattivi sabiex dawn jaghmlu dak kollu mehtieg biex jeliminaw il-periklu mit-triq. Tqis ghalhekk li dan l-ewwel aggravju mhuwiex misthoqq u ghalhekk qieghda tichdu.

It-tieni aggravju: it-Tribunal injora provi dwar il-fatt li t-triq inkwistjoni ma taqax taht ir-responsabbilità tal-Kunsill Lokali tal-Marsa

Din il-Qorti kkonsidrat li kien is-Sindku tal-Marsa stess li xehed li l-inhawi maghrufa bhala 'Ta' Istanbul', li gie specifikat li huma l-inhawi ta' quddiem il-fabbrika tal-Edible Oil, fil-parti tat-triq li twassal ghal Triq Dicembru Tlettax, tifforma parti mill-konfini tal-Kunsill Lokali tal-Marsa. Il-Kunsill appellant

qieghed jakkampa ma' dak li jirrizulta li huwa zball ovvju fir-rapport tal-Pulizija, li fir-rapport tal-incident nizzlu l-isem tat-triq bhala 'Triq l-Istabal', li hija triq fil-qalba ta' Hal Qormi, li izda gie specifikat li ma kellha x'taqsam xejn mal-inhawi fejn sehh l-incident inkwistjoni. Ir-rapprezentant tal-Awtorità dwar it-Trasport f'Malta wkoll xehed li l-awtorità rapprezentata minnu m'ghandha l-ebda responsabbilità ghal xoghol ta' manutenzjoni ta' dawn it-toroq, u l-manutenzjoni u z-zamma fi stat tajjeb ta' din il-parti tat-triq taqa' taht ir-responsabbilità tal-Kunsill Lokali li tifforma parti minnu. Huwa ghalhekk li tqis li dan l-aggravju ukoll mhux misthoqq u qieghda tichdu.

Decide
Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qieghda tiddeciedi dwar l-appell tal-Kunsill appellant billi tichad l-aggravji kollha tal-Kunsill appellant u tikkonferma d-decizjoni appellata fl-intier taghha.
Spejjez taz-zewg istanzi jithallsu mill-Kunsill appellant.

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tar-ritrattand huma kif gej:

1. Li saret applikazzjoni hazina tal-ligi a bazi tal-artikolu 811(e) tal-Kap. 12;

2. Li hemm dispozizzjonijiet konfliggenti fid-decide a bazi tal-artikolu 811(i) tal-Kap. 12.

**L-ewwel aggravju**

F'dan l-aggravju r-ritrattand jilmenta illi l-Kunsill Lokali Marsa dejjem sostna li l-incident mertu tal-arbitragg ma sehhx fil-konfini tal-lokalita tal-Marsa u illi f'kull kaz ma kellu ebda konnessjoni mal-fatt li ikkaguna l-incident cioe l-isprall li wara l-incident mertu tal-kaz tranga mill-Water Services. Madankollu l-Qorti tal-Appell waslet ghal konkluzjoni zbaljata li t-triq in kwistjoni taqa' fil-konfini tal-lokalita tal-Marsa meta l-Att Dwar il-Gvern Lokali li l-Qorti ma ghamlet ebda accenn ghalih ma jsostnix dan. Dan l-izball wassal ghall-akkollament ta' responsabilta mhix misthoqqha.

L-artikolu 811(e) tal-Kap. 12 hu intiz biex jirrimedja ghal applikazzjoni hazina tal-ligi.

Jibda biex jinghad li l-artikolu 811(e) tal-Kap. 12 jistabilixxi illi:

> Thassir ta' sentenza ghal din ir-raguni jinghata biss meta l-qorti tapplika ligi hazina flok dik illi kienet tassew applikabbli ghall-kaz. Ma jinghatax meta l-kwistjoni tkun 'dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-

> qorti tkun espressament tat decizjoni' (**Konkors ta' kredituri ta' Carmelo Gauci Ltd**, App 19/05/2011)
>
> L-interpretazzjoni tal-ligi ma tistax taghti lok ghal ritrattazzjoni. Sabiex ikun hemm jedd ghal ritrattazzjoni taht din id-disposizzjoni, il-qorti trid tkun applikat disposizzjoni ta' ligi flok ohra (ara sentenza ta' din il-qorti **Bank of Valletta plc vs Carmelo Farrugia Melfar Limited et,** App 09/05/2017).

Applikati dawn l-insenjamenti jirrizulta illi r-ritrattand qed jipprova jqajjem punti ta' fatt kontestati u decizi mill-Qorti tal-Appell mhix applikazzjoni tal-ligi. Fl-ewwel lok ir-ritrattand ma jghidx liema ligi kellha tigi applikata in sostenn tat-talba tieghu. Ghamel biss riferenza generika ghall Att Dwar il-Gvern Lokali waqt li fit-trattazzjoni isemmi l-Att dwar il-Gvern Lokali u jghid li hemm eskluzzjonijiet mill-kompetenza tal-Kunsilli Lokali. Dan ma hu xejn hlief ripetizzjoni ta' punt kontestat quddiem il-Qorti tal-Appell li gie deciz mill-istess Qorti senjatament ir-responsabilta tal-Kunisll Lokali li jinterpella lill-Awtoritajiet koncernati meta jirrizulta nuqqas fil-lokalita li taghha l-Kunsill Lokali partikolari hu responsabbli. Dan mhux bizzejjed biex jirradika gustifikazzjoni ghall-ilment tieghu.

Il-Qorti tal-Appell fil-fatt qablet mill-appellati u sostniet li l-lok fejn sehh l-incident kien f'zona maghrufa bhala 'Ta' Istanbul' quddiem il-fabbrika tal-Edible Oil, fit-triq li twassal ghal Triq Dicembru Tlettax fil-Marsa. Ziedet li l-istess Sindku tal-Marsa ikkonferma li l-parti tat-triq imsemmija taqa' fil-konfini tal-Kunsill Lokali tal-Marsa. Il-Qorti ziedet li r-rapport tal-pulizija fejn indika 'Triq l-Istabal' bhala l-lok tal-incident u li fil-fatt hi triq f'Hal Qormi u ma kellha x'taqsam xejn mal-lok fejn sehh l-incident.

Dawn kienu kostatazzjonijiet ta' fatti mhux applikazzjoni hazina ta' ligi. Anki jekk ghal grazzja tal-argument, il-Qorti tal-Appell ghamlet apprezzament hazin tal-fatti dan ma jwassalx ghal applikazzjoni hazina tal-ligi. Hija applikazzjoni hazina ta' ligi ghal fatti accertati li hi sanzjonabbli mhux applikazzjoni ta' ligi ghal fatti errati.
Ghalhekk l-aggravju qed jigi michud.

**It-tieni aggravju**

Ir-ritrattand jikkontendi illi hemm kontradizzjoni fid-decide tal-appell ghax filwaqt li ikkonfermat il-lodo fl-intier pero fl-istess nifs varjat il-kap tal-ispejjez. Dan iwassal skont ir-ritrattand ghal thassir tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell a bazi tal-artikolu 811(i) tal-Kap. 12.

Il-Qorti tqis li dan in-nuqqas biex jissusisti jrid jirrizulta mid-dizpozittiv tas-sentenza mhux mill-motivazzjonijet li waslu ghas-sentenza (ara **Charles Michael Gauci vs Alfred Vella pen et**, App 10/10/2003). Intqal ukoll illi l-kontradizzjoni trid tkun tax-xorta li tippregudika l-esekuzzjoni tas-sentenza (ara **Salvino Testaferrata Moroni Viani et vs David Vella noe**, App 24/09/2004). Hi d-dizpozittiv tas-sentenza li trid tkun irrikonciljabbli mat-talbiet.

Dan l-aggravju hu bla mertu. Ma hemm ebda kontradizzjoni fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Fid-decide l-Qorti tal-Appell ghamlet distinzjoni netta b'paragrafi differenti bejn il-mertu tal-lodo u l-kap tal-ispejjez. Ikkonfermat il-lodo qua mertu fl-intier tieghu u fejn jirrigwarda l-ispejjez varjat dawk moghtija fil-lodo. Il-Qorti tal-Appell iddikjarat li qed tvarja l-ispejjez kif maqsuma fil-lodo pero l-intendiment fil-parti decisiva `hu car u ma jirrizulta ebda kontradizzjoni. Il-Qorti tal-Appell ordnat l-ispejjez kollha anki tal-lodo jithallsu mir-ritrattand. Dan ma ippregudika bl-ebda mod l-esekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri.
Ghalhekk dan l-aggravju wkolll hu michud.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tichad t-talba ghal ritrattazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet premessi tas-7 ta' Ottubru 2020; spejjez ghar-ritrattand.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur